MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 16a

26 ta' Awwissu 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 16 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

1.1. Il-minuti tas-Seduta Nru.15 li saret fil-28 ta' Lulju 2025 ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Estensjoni tas-servizzi minn Servizz.Gov (M/6/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva talba mingħand Servizz.Gov sabiex issir laqgħa mal-Kunsill dwar estensjoni tas-servizzi mogħti minnhom mill-uffiċċju tal-Kunsill.

2.1.3. Is-Sindku qal li d-data għad trid tiġi ffissata.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Korsijiet tal-Kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/1/9 Vol VI)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin xtaqet tirringrazzja lill-membri tal-istaff għas-sehem tagħhom fl-organizazzjoni tal-korsijiet tal-kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.2.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-korsijiet tal-kompjuter bdew fil-11 ta' Awwissu 2025 u qed isiru kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Erbgħa. Hija qalet ukoll illi sabiex l-applikazzjonijiet kollha li kien hemm setgħu jiġu aċċettati, qed isiru sessjonijiet filgħodu kif ukoll wara nofsinhar.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1 Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġerit li issa li l-istaġun tas-sajf wasal kważi biex jispiċċa, il-Kunsill għandu jibda jipprepara u jaħdem fuq lista ta' ħarġiet kulturali li jistgħu jsiru matul ix-xhur li ġejjin.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025, saret laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità u għaliha attenda s-Surġent Ivan Mifsud filwaqt li min-naħa tal-Kunsill attendew flimkien miegħu, il-Kunsillier J. Buttigieg u l-Kunsillier E. Bartolo u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin.

2.4.3. Is-Sindku G. Micallef qal fil-bidu tal-laqgħa huwa rringrazzja lis-Surġent tas-sehem tiegħu sabiex waqt l-Iljieli Melleħin ta' din is-sena, kien hemm sessjoni fejn ħadu sehem il-klieb tal-Pulizija. Saru suġġerimenti wkoll sabiex il-clearance tal-vetturi minn Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Parroċċa u Triq Gorg Borg Olivier tibda mis-2.00pm u l-għeluq ta' Triq Gorg Borg Olivier jibda mill-4.00pm. Dan peress li l-Pulizija kellhom anke jittowja xi vetturi minn Triq Gorg Borg Olivier. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li fi Triq Gorg Borg Olivier filgħaxija aħjar ikun hemm first-aider disponibbli f'każ li jinqala' l-bżonn.

2.4.4. Is-Surġent I. Mifsud għarraf li bħalissa l-Pulizija għaddejjin b'eżerċizzju bl-ispeed gun fiċ-ċentru tal-Mellieħa kif ukoll, qed iduru l-ħwienet sabiex jassiguraw li wara d-9.00pm ma jinbiegħx alkoħol. Is-Sindku qal li min-naħa tal-Kunsill saru suġġerimenti sabiex eżerċizzji simili jsiru fi Triq il-Qortin, fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u fi Triq il-Kbira minħabba l-problema ta' sewqan eċċessiv.

2.4.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li sa l-aħħar tas-sena, il-Pulizija ser jibda jkollhom 'drug breathalyzer' fuqhom.

2.4.6. Punt ieħor li tqajjem kien li l-Pulizija qed tagħmel patrolling sabiex jassiguraw li s-sidien tal-klieb josservaw il-liġi meta joħorġu bil-klieb fit-toroq, filwaqt li ssuġġerew li l-Kunsill jikkunsidra l-introduzzjoni ta' bye-law li tistabbilixxi l-postijiet tal-cat cafes għall-kolonji tal-qtates abbandunati u l-cat feeders.

2.4.7. Fuq dan il-punt, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li jsir kuntatt mal-Animal Welfare jew anke ma' xi Kunsilli Lokali oħra, sabiex il-Kunsill jiċċekkja jekk miżuri ta' din ix-xorta ġewx implimentati diġa' f'xi lokalitajiet.

2.4.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1 Attività fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja fid-Dar Residenzjali 'Madonna tal-Mellieħa' (A/1/2/Vol VII)

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fit-2 ta' Settembru 2025 fid-Dar Residenzjali 'Madonna tal-Mellieħa', ser tiġi organizzata attività u l-Management talbu li bħalma sar is-sena l-oħra, is-Sur Muscat ġentilment jerġa' jsellfilhom l-istatwa ż-żgħira tal-Vitorja li l-anzjani tant jieħdu pjaċir biha.

2.5.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet ukoll li jista' jagħti l-każ li l-Kunsill jintalab jgħin fit-trasportazzjoni tal-istatwa.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjoni li jmiss ta' 'Aqra Miegħi' fl-irziezet ta' Selmun ser issir nhar is-Sibt 20 ta' Settembru 2025.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin fakkret li l-unit għall-għoti tad-demm ser ikunu l-Mellieħa fil-21 ta' Settembru 2025 u l-Kunsill importanti li jieħu ħsieb li l-public toilets ikunu miftuħin minn filgħodu dakinhar.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

2.8.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-awtur tal-pubblikazzjoni 'Snajjin' għarrfu, li tlesta t-tieni abbozz ta' dan il-ktieb u li potenzjalment din il-pubblikazzjoni tkun lesta sa Novembru ta' din is-sena.

2.8.3. Is-Sindku qal li kemm-il darba l-pubblikazzjoni tkun lesta, din tkun tista' ssir it-tnedija tagħha u ssuġġerixxa li ssir fi ġnien pubbliku.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Kors fl-Ewwel Għajnuna (E/3/1/Vol III )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li wara s-suċċess li kiseb l-ewwel kors fl-Ewwel Għajnuna, il-Kunsill ser ikun qed jaħdem sabiex jiġi organizzat it-tieni kors peress li jidher li hemm interess minn ħafna persuni li jixtiequ jattendu.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Sejħa għall-Offerti Nru 2/2025 – It-Tindif, iż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Ġonna u Soft Areas (K/6/3/Vol V)**

2.10.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-item 2.10.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li l-għaxart ijiem fejn il-bidders setgħu jappellaw jiskadu nhar il-Ħamis li ġej u l-Kunsill ikun jista' jipproċedi bl-iffirmar tal-kuntratt appena l-proċess jingħalaq fuq is-sistema tal-epps.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Sejħa għall-Offerti Nru 3/2024 – Installazzjoni ta' CCTV Cameras f'Erba' Entraturi tal-Mellieħa (C/9)**

2.11.2. Is-Sindku għamel referenza wkoll għas-sejħa msemmija u għarraf li jidher li l-bidders kollha qablu li jżommu mal-istess prezzijiet tas-sottomissjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, issa tkun tista' ssir l-evalwazzjoni u possibiliment din is-sejħa tkun tista' tingħalaq ukoll.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Tindif ta' Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)**

2.12.2. Il-Kunsillier J. Cauchi talab li fil-minuti jitniżżel li fis-seduta preċedenti huwa għamel osservazzjoni li mhux qed isir tindif regolari fi Triq Ġnien Ingraw. Huwa qal ukoll li ssuġġerixxa li t-tindif f'Misraħ il-Parroċċa jsir kmieni sabiex possibiliment ma jkunx hemm vetturi pparkjati u t-tindif ikun jista' jsir aħjar.

2.12.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jirrimarka li l-mechanical sweeper qed tgħaddi regolarment minn Triq il-Kbira u Triq Gorg Borg Olivier f'ħinijiet fejn dawn it-toroq ikunu mimlija vetturi pparkjati. Huwa qal li qed jiġri huwa li l-mechanical sweeper tgħaddi tnaddaf biss fin-nofs u ġenb wieħed tat-toroq. Huw qal li hawnhekk ukoll ix-xogħol ta' tindif għandu jibda kmieni biex forsi ma jkunx hemm vetturi pparkjati.

2.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Sotto Kumitat – Diżabilità u Inklużjoni (K/2/54)

3.1.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li jixtieq iressaq proposta sabiex iwaqqaf sotto kimitat responsabbli mid-diżabilità u l-inklużjoni – żewġ materji li huma għal qalbu ħafna.

3.1.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li dan is-sotto kumitat jista' jkollu rwol konsultattiv u ssuġġerixxa li jkun magħmlu minn żewġ membri tal-Kunsill, rappreżentant mill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u żewġ residenti mill-Mellieħa jew li huma stess għandhom diżabilità jew għandhom lil xi ħadd fil-familja li għandu diżabilità.

3.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li dan huwa suġġeriment tajjeb ħafna u l-idea hija waħda tajba wkoll. Huwa ssuġġerixxa li sa laqgħa oħra, il-Kunsillier J. Cauchi jressaq id-dettalji ta' min ser ikunu l-membri ta' dan is-sotto kumitat għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qablu mal-proposta tal-Kunsillier J. Cauchi.

### 3.2.1 PA 5632/24 - Tfassil ta' pjan hollistiku dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa (T/4/10/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq li jagħmel referenza għall-proposta ta' Masterplan għal Misraħ il-Parroċċa, liema applikazzjoni ġiet irtirata f'dawn il-ġimgħat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, wara li qalet li tixtieq tagħmel analiżi addizzjonali taż-żona u tisma' l-ħsibijiet tal-Kunsill Lokali u ta' stakeholders oħra.

3.2.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jistaqsi x'ser tkun it-triq 'il quddiem anke minħabba l-fatt li l-Kunsill, proprju sena ilu kien ressaq punti validissimi b'rabta ma' dan il-pjan ħolistiku għall-pjazza tal-Mellieħa. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jkompli bid-diskussjonijiet biex ma jibqax kollox status quo. Fil-fatt, huwa qal li l-Kunsill irid isib metodu kif ħa jibda jitkellem mal-istakeholders involuti sabiex il-proposti tiegħu ma jieqfux hemm u qisu ma sar xejn fuqhom.

3.2.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-pjan ħolistiku oriġinali ma kellux jinkludi biss il-pjazza iżda anke Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fost oħrajn. Huwa qal li fl-istess pjan ħolistiku kellu jkun hemm stabbilit il-limitu fejn jidħlu aktar permess t'imwejjed u siġġijiet quddiem stabbilimenti kummerċjali u dan sabiex jassigura li jkun hemm bilanċ.

3.2.5. Dwar il-ħsieb tal-Kunsillier J. Buttigieg, is-Sindku qal li din hija deċiżjoni politika u l-Kunsill għandu jkollu linji gwida fuqhiex jimxi. Huwa qal li bħala Kunsill, tista' ssir laqgħa mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu jew mal-Ministeru konċernat biex il-Kunsill jara l-għaliex din l-applikazzjoni ġiet irtirata. Huwa qal ukoll li skond l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-ispejjeż mhumiex ftit sabiex tagħmel dan it-tip ta' studju.

3.2.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li jitwaqqaf sotto kumitat bil-għan li dan is-sotto kumitat jiddiskuti l-proposti tal-Kunsill u jidentifika dawk minnhom li jistgħu jiġu attwati..

3.2.7. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Gvern Ċentrali għadu ma ħax deċiżjoni fuq il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet quddiem stabbilimenti kummerċjali u hawn ħafna abbużi. Huwa kien tal-fehma li qabel mal-Gvern Ċentrali jieħu deċiżjoni, huwa inutli l-Kunsill jipprova peress li għad m'hemmx deċiżjoni ċara.

3.2.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill jista' jikkonċentra fuq Misraħ il-Parroċċa għalissa u dwar l-abbużi, huwa qal li kemm ilha li ġiet irtirata l-applikazzjoni, kien hemm stabbilimenti li abbużaw. Huwa kien tal-fehma li l-ewwel pass għandu jkun li l-Kunsill jitkellem mal-MTA, mal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità tal-Artijiet kif ukoll mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

3.2.9. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jrid ikun hemm linji ċari kif ħa taħdem.

3.2.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)

3.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-6 ta' Awwissu 2025, il-Kunsillieri John Buttigieg, Rebecca Bartolo Cutajar u Emvin Bartolo attendew għall-'Kick Off Site Meeting' organizzat minn Project Green. Preżenti kien hemm il-Perit Joseph Attard, il-kuntrattur Derek Garden Centre u rappreżentanti minn Project Green.

3.3.3. Is-Sindku G. Micallef qal li dan il-proġett mistenni jibda fil-15 ta' Settembru 2025, u fil-fatt din il-ġimgħa l-Building and Construction Authority (BCA) tat il-clearance tagħha. Huwa qal li bħala Kunsill, apparti li għad irid jieħu ħsieb jara kif ħa jkun l-aċċess għall-binja tal-MUSEUM kif ukoll it-twaqqiegħ ta' kamra li hemm fis-sit, irid jieħu ħsieb li r-residenti tal-madwar ikunu mgħarrfa x'ser jistennew u jingħataw spjega dwar il-hoarding fost oħrajn.

3.3.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li fuq id-data dwar meta ser jibda l-proġett, kien hemm qbil bejn il-partijiet kollha konċernati li l-proġett jibda wara li tgħaddi l-Festa tal-Vitorja. Dwar il-hoarding fi Triq Mons. Ġ. Schembri, hija tal-parir li ma jsirx parking man-naħa fejn ser ikun il-hoarding, għax jekk isir parking fuq dik in-naħa tat-triq ukoll, it-triq tidjieq ħafna. Hija qalet li man-naħa tal-hoarding, għandhom isiru double yellow lines sabiex il-parking isir fuq naħa waħda tat-triq.

3.3.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba jużaw il-jerry hoarding blocks, ma jkunx hemm periklu u l-parking ikun jista' jsir fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Huwa qal li l-parking jonqos kemm-il darba jkun permessibbli biss fuq naħa waħda, peress li fuq in-naħa tat-triq fejn mhux ħa jkun hemm hoarding, hemm żewġ garaxxijiet mentri n-naħa l-oħra m'hemmx.

3.3.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa jekk hux ser issir bankina temporanja n-naħa tal-hoarding fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri.

3.3.7. Is-Sur E. Bartolo qal li l-Kunsill għandu jara li ma ssirx bankina temporanja, imma żewġ zebra crossings temporanji.

3.3.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.4.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)

3.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fid-19 ta' Awwissu 2025, huwa flimkien mal-Kunsillier J. Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu f'laqgħa li saret online mas-Sur Toni Attard u l-Profs. Valerie Visanich minn Culture Venture dwar l-inizjattiva 'Community Profiling'. Dan wara li ġie kkonfermat li l-istudju li ser jagħmel il-Kunsill Reġjonali Tramuntana, mhuwiex fuq l-istess kriterji li xtaq il-Kunsill.

3.4.3. Is-Sindku spjega li din il-laqgħa saret sabiex din l-inizjattiva tkun tista' tingħata bidu u jibdew il-preparamenti meħtieġa. Fil-fatt, huwa qal li dan l-istudju huwa ppjanat li jsir fuq tlettax-il ġimgħa u ser jibda wara l-Festa tal-Vitorja. Fil-ħsieb hemm l-involviment ta' stakeholders bħall-għaqdiet u organizzazzjonijiet legali, bil-għan li Culture Ventures min-naħa tagħhom ikollhom il-bażi fuq xhiex jibdew jibnu dan l-istudju.

3.4.4. Is-Sindku qal ukoll li minn din il-laqgħa ħareġ li m'hawnx studju ieħor ta' dan it-tip, u ħarġu kurżitajiet oħra interessanti bħal dik li l-etá medja fil-Mellieħa mhijiet kif wieħed jaħseb jiġifieri li hawn numru akbar ta' anzjani jgħixu fil-lokalità, izda jirriżulta li hawn aktar persuni t'età bejn l-40 u l-45 sena.

3.4.5. Is-Sur G. Micallef għamel aċċenn ukoll għall-fatt li l-membri tal-Kunsill qablu li peress li fl-estimi għas-sena 2025, il-Kunsill ma kienx inkluda l-ispejjeż sabiex isir dan l-istudju li jammontaw għal €5.605 (VAT inkluża) fl-account 3090 – Studies and Consultations, sar virement ta' dan l-ammont minn account no. 3380 – Community Services.

3.4.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.5.1. Problema ta' Żamma ta' Ilma tax-Xita fi Triq Ġnien Ingraw (D/3/1/Vol XIV)

3.5.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li ġie avviċinat minn residenti li joqogħdu Triq Ġnien Ingraw dwar problema ta' żamma ta' ilma fit-triq quddiem ir-residenza tagħhom. Huma lmentaw li kull darba li tagħmel ix-xita, l-ilma jinġabar quddiem ir-residenza tagħhom u kull vettura li tgħaddi minn ġo fiha tispiċċa ttajjar l-ilma għal fuq il-faċċata tad-dar tagħhom. Huma qed jitolbu li jsir xi ħaġa sabiex l-ilma ma jibqax jinġabar hemmhekk.

3.5.3. Is-Sindku G. Micallef talab lis-Sur J. Cauchi jgħaddi d-dettalji kollha lis-Segretarju Eżekuttiv, ħalli minnaħa tagħha tagħmel works order lid-Dipartimen tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex assessjat x'l-aħjar li jsir biex din l-inkonvenjenza tispiċċa.

3.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.6.1 Ħtieġa ta' Lampi Ġodda fi Triq Ġnien Ingraw (E/1/3/Vol VI)

3.6.2 Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa jekk jistax jsiru aktar lampi tad-dawl fi Triq Ġnien Ingraw peress li xi residenti lmentaw li hemm nuqqas ta' dawl f'parti minn din it-triq.

3.6.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-fatt kien sar suġġeriment mill-kuntrattur responsabbli mil-lampi tat-toroq, sabiex il-Kunsill ikompli bl-installazzjoni ta' fanali ornamentali fil-village core fejn dawn għadhom ma sarux.

3.6.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li matul il-leġislatura l-oħra kien sar eżerċizzju fejn anke kien hemm l-involviment tal-kuntattur u tal-inġinier, sabiex ġew identifikati t-toroq fejn għad jonqos jitwaħħlu l-fanali ornamentali. Huwa qal li fil-fatt kienu saru anke stimi u t-toroq kienu: Triq il-Kappillan Magri, Mitħna l-Ġdida, Santwarju u Triq il-Fuħħar fil-Manikata.

3.6.5. Is-Sindku G. Micallef ħa din l-opportunità sabiex jgħarraf illi fir-rigward tal-proġett ta' installazzjoni ta' lampi ġodda fi Triq il-Padrun, Peprin, Kbira u Edward Camilleri, il-kuntrattur Micamed Ltd ser jaħdem bil-kuntrattur North 2 South Ltd fejn jidħlu xogħlijiet ta' trinek. Huwa qal li kellu l-opportunità jiltaqa' mas-Sur Stephen Cini u jitkellem miegħu dwar dan il-proġett. Huwa qal ukoll li bħalissa Transport Malta qed tipproċessa l-applikazzjonijiet biex isiru x-xogħlijiet f'dawn it-toroq imsesmmija.

3.6.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ntalab l-possibilità li dan il-proċess jitkompla.

### 3.7.1. Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (P/4/31)

3.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fid-29 ta' Lulju 2025 sar onsite meeting mal-Inġinier u s-Sur Peter Cutajar minn Light Design Solutions dwar il-proġett ta' floodlighting madwar il-Knisja tal-Manikata.

3.7.3. Mal-ewwel daqqa t'għajn, is-Sindku qal li deher li l-apparat kien għadu f'kundizzjoni tajba, iżda jeħtieġ li jsir xogħol biex l-ilma tax-xita ma jibqax imur dirett ġos-sistema tal-floodlighting. Huwa qal li f'dan il-meeting ġie deċiż, li Light Design Solutions ser jaraw x'hemm bżonn jinbidel u x'hemm li għadu tajjeb biex jekk hemm affarijiet tajbin dawn ma jinbidlux u b'hekk ma jsirux spejjeż żejda. L-Inġinier fil-fatt kien tal-opinjoni li jibgħat xi apparat il-fabbrika biex isir testing tiegħu. Is-Sindku qal li l-għan aħħari huwa li l-knisja tkun mixgħula, u jekk il-Kunsill jista' jiffranka li jagħmel spiża għax tista' evititata, tant aħjar li jagħmel hekk.

3.7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jidhirlu li dan il-proċess il-Kunsill preċedenti kien għamlu u l-kits ntbagħtu għat-testing iżda qabel ma' dak li qal is-Sindku biex jekk jista' jkun jiġi evitat li jsiru spejjeż żejda.

3.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.8.1. Il-Ġbir tal-Iskart fil-Mellieħa (K/6/2/Vol VI)

3.8.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-5 ta' Awwissu 2025 huwa bagħat imejl lill-Environmental Resources Authority (ERA), fejn sar rapport dwar erba' scammels li minnhom qed joħroġ ammont ta' likwidu fit-toroq waqt li jkun qed isir il-ġbir tal-iskart. Is-Sindku qal li dan qed joħloq inkonvenjenza kbira lir-residenti u livell ta' ndafa mhux aċċettabbli fit-toroq tal-lokalità.

3.8.3. Is-Sindku qal li fit-tweġiba tagħhom, l-ERA qalu li ser ikunu qed jinvestigaw dawn il-każijiet.

3.8.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li waslulha lmenti mir-residenti ta' Dawret it-Tunnara li l-iskart tagħhom ma jinġabarx is-Sibtijiet.

3.8.5. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li jista' jagħti l-każ li dan qed jiġri peress li fit-triq ikun hemm double parking.

3.8.6. Is-Sindku qal li kemm-il darba jkun hemm double parking u l-iscammel ma jkunx jista' jgħaddi, il-kollettur jista' jagħti struzzjonijiet lill-ħaddiema tiegħu sabiex jidħlu għall-boroż tal-iskart bil-mixi.

3.8.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.9.1. 'Fish Fest 2025' fil-Mellieħa (A/5/3/Vol XVI)

3.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-6 ta' Awwissu 2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali dwar proposta biex l-edizzjoni ta' din is-sena ta' 'Fish Fest' minbarra Marsaxlokk issir anke fil-Mellieħa.

3.9.3 Is-Sindku qal li fl-20 ta' Awwissu 2025, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa li saret f'Misraħ il-Parroċċa u li għaliha attendew tliet rappreżentanti mill-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alicia Bugeja Said fejn ġew diskussi diversi punti.

3.9.4. Is-Sindku G. Micallef qal li mill-ewwel kien hemm qbil li l-Fish Fest 2025 fil-Mellieħa jsir fid-19 filwaqt li f'Marsaxlokk isir fl-20 ta' Settembru 2025 peress li l-21 ta' Settembru 2025 hija festa pubblika. Huwa qal ukoll li bħala Segretarjat xtaqu li dan il-festival tal-ħut isir f'Misraħ il-Parroċċa u mhux f'Dawret it-Tunnara bħalma kien sar, peress li xtaqu pjazza akbar u peress li f'Dawret it-Tunnara kienu ltaqgħa ma' diversi problemi ta' loġistika u anke xi lmenti min-naħa tar-residenti tal-inħawi.

3.9.5. Is-Sindku qal li hija x-xewqa tas-Segretarjat li f'dan il-festival ikun hemm l-involviment tal-għaqdiet lokali kemm fil-parti tal-armar tal-istands u bejgħ tal-ikel kif ukoll f'esebizzjonijiet eċċ. Huwa qal li l-qliegħ kollu li se jagħmlu l-għaqdiet lokali matul dan il-festival, ser imur direttament għalihom.

3.9.6. Huwa qal ukoll li bħala loġistika ħa jieħdu ħsieb kollox is-Segretarjat u anke l-ħut li ser jissajjar u jinbiegħ ser jiġi pprovdut minnhom. Jikkollaboraw mas-Segretarjat ser ikun hemm il-Malta Food Agency. Bħala Kunsill intalab jagħmel kuntatt mal-għaqdiet lokali u jistedinhom jipparteċipaw f'dan il-festival tal-ħut u biex il-Kunsill jikkordina l-għeluq tal-pjazza dakinhar tal-attività.

3.9.7. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li hija ħasra li l-festival mhux ser isir fejn il-Mużew tat-Tunnara anke għall-fatt li kien hemm ħafna nies li daħlu l-Mużew tat-Tunnara li għandu x'jaqsam ferm ma' dan il-festival tal-ħut.

3.9.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa jaqbel ferm ma' li qalet il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar u l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li jsir fejn it-Tunnara peress li l-post jixraq aktar mat-tema ta' dan il-festival.

3.9.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li kien hemm drabi fejn il-Kunsill għamel attività u xi residenti lmentaw, iżda dan ma żammx milli l-attività ma ssirx. Importanti li r-residenti jkunu avżati minn qabel.

3.9.10. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-Kunsill għandu direzzjoni li l-festival tal-ħut din is-sena jsir fil-pjazza u jkollu jimxi magħha.

3.9.11. Huwa ħa din l-okkażjoni wkoll sabiex jgħarraf li fl-istess laqgħa li saret fil-pjazza, huwa qasam magħhom il-ħsieb tal-Kunsill li f'Ottubru li ġej jorganizza l-Festa tal-Qara' fil-Manikata. Min-naħa tas-Segretarjat, kienu kommessi li jikkolaboraw mal-Kunsill fl-organizazzjoni ta' din l-attività u anke jkun hemm il-kollaborazzjoni tal-Malta Food Agency.

3.9.12. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.10.1. Il-Kampanja 'Clean Up The World 2025' bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (T/6/1/Vol VI)

3.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fl-20 ta' Settembru 2025 permezz tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-iskema SPI.SCI.3.2025, il-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa fil-kampanja nazzjonali 'Clean Up the World 2025'. Il-Kunsill flimkien ma' numru ta' għaqdiet lokali u anke stabbilimenti kummerċjali ser ikun qed inaddaf inħawi f'Selmun.

3.10.3. Is-Sindku stieden lill-membri tal-Kunsill u tal-istaff sabiex jekk ikun possibbli jattendu u jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

3.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.11.1. Inizjattiva 'Reusable Cups' għal matul il-ġranet tal-Festa tal-Vitorja (A/4/5/Vol V)

3.11.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-inizjattiva 'reusable cups' u għarraf li t-tazzi reusable waslu l-uffiċċju proprju llum.

3.11.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill issa jrid jara kif ħa jqassamhom.

3.11.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li nhar il-Ħamis 28 ta' Awwissu 2025 filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill, ser issir laqgħa mal-istabbilimenti kummerċjali ta' Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Triq Sant' Anna dwar l-arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja u din tista' tkun okkażjoni tajba fejn is-sidien jiġu mgħarrfa b'din l-inizjattiva.

3.11.5. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill għandu jistabbilixxi prezz għal kull tazza li jbiegħ u dawn ikunu donazzjonijiet li l-Kunsill li fl-aħħar tas-sena jippreżenta għall-kawża ġusta. Din l-inizjattiva tista' ssir ukoll waqt Milied Mellieħi u possibilimenti dawn it-tazzi jinbiegħu waqt dan l-avveniment ukoll. Huwa qal li apparti l-prezz, il-Kunsill irid jistabbilixxi wkoll għand min ser imorru d-donazzjonijiet miġbura, peress li l-Kunsill fid-dover li jinformahom dwar il-ġbir ta' donazzjonijiet li jkun qed jagħmel f'isimhom.

3.11.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li kull tazza tingħata ma' €1 donazzjoni u t-tazzi għandhom jitqassmu f'Misraħ il-Parroċċa, f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fi Triq Gorg Borg Olivier u fi Triq il-Kbira. Hija qalet ukoll li jistgħu jsiru tabelli apposta għal dawn l-istabbilimenti li jippromwovu l-inizjattiva.

3.11.7. Is-Sindku G. Micallef qal li tkun idea tajba jekk issir tnedija ta' din l-inizjattiva li għandha għan ambjentali u ta' karità.

3.11.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li kemm-il darba l-Kunsill jagħmel promozzjoni tajba tagħhom dawn it-tażżi, din l-inizjattiva għandha tirnexxi.

3.11.9. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li d-donazzjonijiet imorru b'risq l-Istrina u din l-inizjattiva l-Kunsill jorbotha wkoll mal-Milied Mellieħa.

3.11.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-membri tal-Kunsill qablu li kull tazza għandha tingħata ma' €1 donazzjoni u d-donazzjoni jmorru b'risq il-Malta Community Chest Fund.

### 3.12.1. Il-Multi-Purpose Court fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

3.12.2. Dwar il-multi-purpost court fil-Park tal-Familja, is-Sindku G. Micallef għarraf li fir-rigward tas-sejħa għall-offerti sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa tal-court, il-Kunsill kemm laħaq ġab l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Sfortunatament, id-dokument tal-offerta ma telgħax fuq is-sistema tal-epps. Huwa kompla billi qal li hekk kif jgħaddi r-recess period, il-Kunsill ikun jista' jkompli bil-proċess ta' din is-sejħa.

3.12.3. Dwar il-fencing temporanju li hemm fil-court, is-Sindku qal li peress li hemm dewmien fir-rigward tas-sejħa għall-offerti, huwa ssuġġerixxa li l-fencing temporanju jinbidel għal wieħed aktar robust peress dak li hemm bħalissa irid jinbidel mill-aktar fis possibbli għax m'għadux tajjeb u huwa perikoluż.

3.12.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-fencing temporanju l-ġdid jista' jsir fuq bażi tal-konkos biex ikun aktar b'saħtu iżda importanti li jinbidel għax li hemm bħalissa huwa perikoluż.

3.12.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba toħroġ is-sejħa għall-offerti u jingħata l-kuntratt, ix-xogħlijiet jistgħu jsiru peress li l-court mhux ser jintuża mit-tfal tal-iskola.

3.12.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jista' jkun li peress li jkunu għaddejjin il-lezzjonijiet, ix-xogħlijiet ma jkunux jistgħu jsiru.

3.12.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jridu jiġu speċifikati t-timeframes.

3.12.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.#

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Minuti tal-Kumitat t'Evalwazzjoni dwar MLC 02/2025: Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Mellieħa – 27/06/2025;
- Minuti tal-Kumitat t'Evalwazzjoni dwar MLC 02/2025: Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Mellieħa – 25/07/2025;
- KLBL37_2_2017;
- KLBL37_4_2020;
- Rendikont – Spejjeż Żjara Studenti minn Cavriglia fil-Mellieħa – Lulju 2025
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 23/08/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/07/2025 – 23/08/2025;
- Skeda ta' Petty Cash – 02/07/2025 – 04/08/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat l-1 ta' Awwissu 2025 mingħand is-Sur Vincent Cassar li huwa l-Kap inkarigat mit-Trasport tal-Iskejjel fi ħdan id-Dipartiment għas-Servizzi Edukattivi, dwar il-pjanijiet ta' dan id-Dipartiment fir-rigward tat-trasport tat-tfal għal/mill-iskola fil-Park tal-Familja.

5.1.3. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa qed jitlob li ssir laqgħa biex dawn il-pjanijiet jiġu diskussi aktar fid-dettal anke għall-fatt li oriġinarjament il-ħsieb ta' dan id-Dipartiment kien li t-trasport kollu li jwassal jew jiġbor lit-tfal mill-iskola temporanja jsir kollu minn Triq Ġuże' Flores. Dan ikun ifisser influss kbir ta' traffiku f'toroq li ċertament ma jifilħux għal dan il-volum.

5.1.4. Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu l-Kunsill, qiegħed jagħmel pressjoni sabiex it-trasport kollu minflok, jużа Triq Selmun filwaqt li dawk il-ġenituri li jwasslu t-tfal bil-mixi jużaw Triq Ġuże' Flores. Din il-proposta jidher li qed tiġi kkunsidrata min-naħa tad-Dipartiment għas-Servizzi Edukattivi.

5.1.5. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ntalab jikkollabora u hekk ser jagħmel iżda ser jisħaq li jiġu implimentati l-pjanijiet hekk kif issuġġeriti mill-Kunsill peress li ċertament huma aktar siguri u prattiċi.

5.1.6. Il-Kunsilliera L. Darmanin ħadet din l-opportunità sabiex taċċenna għall-fatt li l-Kunsill għadu fl-għama fir-rigward tal-librerija pubblika li tinsab fl-iskola primarja. Hija qalet li s-Sur Jeffrey Sammut bħala librar għarrafha li huwa nfurmat li l-librerija pubblika dalwaqt tispiċċa mingħajr is-servizz tal-internet li huwa neċessarju ferm biex il-librerija tkompli topera. Ħsieb ieħor huwa fejn u kif ser jinġarru l-kotba kollha li hemm preżentement fil-librerija.

5.1.7. Is-Sindku G. Micallef qal li fir-rigward tal-librerija pubblika, fil-21 ta' Awwissu 2025 il-Kunsill irċieva imejl mill-Malta Libraries fejn ġew elenkati d-diffikultajiet imsemmija hawn. Barra minn hekk ġew issuġġeriti tliet postijiet fejn tista' tiġi riallokata l-librerija pubblika li huma:

(i) f'waħda mill-klassijiet fl-Annex tal-Kindergarten;

(ii) f'wieħed mill-prefabricated classrooms fil-Park tal-Familja; u

(iii) is-Sur Jeffrey Sammut li l-librerija timxi għaċ-Ċentru Parrokkjali.

5.1.8. Is-Sindku kompla billi qal li bħala Kunsill kien diġa' bagħat imejl u talab li jingħata direzzjoni dwar il-librerija pubblika.

5.1.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-ftehim mal-Kunsill kien li l-librerija timxi għal prefabricated classroom li tkun faċċata tal-Mellieħa Football Ground. Huwa ssuġġerixxa li kemm-il darba l-Kunsill jibqa' fl-għama, il-Kunsill jista' jitlob stima sabiex ikun jista' jikri hu l-prefabricated classroom.

5.1.10. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li ċ-Ċentru Parrokkjali jista' jkun problema peress li jintuża regolarment għal-lezzjonijiet tad-Duttrina.

5.1.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li jkompli jsegwi l-iżviluppi fejn tidħol il-librerija pubblika.

### 5.2.1. European Heritage Days (A/5/3/Vol XVI)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President ta' Arkeo s-Sur Ernest Vella, dwar ix-xewqa tagħhom li bejn il-11 u t-12 ta' Ottubru 2025 fl-okkażjoni tal-European Heritage Days, huma jiftħu l-irziezet ta' Selmun għall-pubbliku.

5.2.3. Is-Sindku qal li din is-sena din l-inizjattiva ser tiffoka fuq 'Built Limestone and Beyond 7000 Years of Architecture – Architectural Heritage That Celebrates The Diverse Range of Buildings' u għal dan l-Arkeo ħarġu bil-ħsieb li jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jiftħu dan il-kumpless sabiex iqarrbu dan il-wirt lin-nies. Ix-xewqa tagħhom hi li juru lill-pubbliku kif l-arkitettura vernakulari Maltija li nsibu f'Selmun, hija riżultat tar-relazzjoni tal-bniedem fil-pajsaġġ (landscape) li jgħix fih. Huma jixtiequ juru wkoll kif din l-arkittetura mhux xi ħaġa mejta, iżda kif influwenzat u ġiet influwenzata mill-bniedem li kien jgħix fiha.

5.2.4. Bħala programm t'attivitajiet, is-Sindku qal li Arkeo qed jippjanaw fost oħrajn dan li ġej:

a. Mixja mal-Merħla – fejn in-nies jesperjenzaw li tirgħa n-nagħaġ u l-mogħoż, element integrali fil-ħajja rurali ta' qabel. Waqt il-mixja jiġi spejgat l-importanza tax-xagħri fil-ħajja rurali. Meta jerġgħu lura fir-razzett in-nies jaraw kif in-nagħaġ jinħalbu u jsiru l-ġbejniet.

b. Talks Qosra - i. L-annimali awktoktoni (max- 15min); ii.Il-wirt rurali ta' Selmun (max- 15 min); Waqfa għat-te/kafè b'xi ħelu.

c. Dawra ggwidata mar-Razzett – fejn membri t'Arkeo jispjegaw lill-viżitaturi dwar l-elementi arkitettoniċi tar-razzett. Jaraw ukoll: Naħħal li jispjega kif jitrabbew in-naħal, l-iżvilupp tat-trobbija tan-naħal mill-qolol għal kaxxi. Attivita bit-tafal fejn ser ikun hemm membru jagħmel reċipjenti bl-idejn.

d. Treasure hunt għat-tfal madwar il-kumpless.

e. Bukkun rurali, fejn in-nies jistgħu jaraw tisjir ta' riċetta tipika Maltija.

5.2.5. Bħala spażji, is-Sindku qal li huma għandhom il-ħsieb li jużaw:

Ir-Razzett il-griż - kamra fejn issir it-talk bil-projector, it-te u kafè.

Ir-Razzett il-kannella – fejn issir is-sessjoni tat-tafal.

Ir-Razzett l-isfar fejn ikun hemm in-nagħaġ, u f'kamra faċċata jiġu ppreparati il-ġbejniet u l-ikel.

Fir-razzett l-aħdar issir l-ispjegazzjoni tan-naħal, imbagħad il-pubbliku jkollu l-opportunità li jżur l-imġiebaħ.

5.2.6. Bħala riżorsi, huma talbu li l-Kunsill jipprovdi screen għall-projector, siġġijiet għan-nies, mejda jew tnejn biex fuqhom jinħadem it-tafal, imwejjed biex jiġi ppreżentat l-ikel u ktieli jew boiler għal misħun biex ikunu jistgħu jagħmlu t-te' u l-kafe'.

5.2.7. Is-Sindku G. Micallef qal li din hi inizjattiva interessanti u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jissieħeb u jikkollabora fiha.

5.2.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

## 5.3.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef qal li fir-rigward tax-xogħlijiet infrastrutturali f'Ta' Masrija, tlestew ix-xogħlijiet u ngħata t-tarmak fil-parti bejn Triq it-Tgħam u Triq ir-Rihan. Baqa' biss li jingħata l-aħħar saff ta' tarmak li għandu jingħata din il-ġimgħa.

5.3.3. Huwa qal li l-kuntrattur infurmah li x-xogħlijiet ser jieqfu għal matul il-jiem tal-festa u jissuktaw wara l-Festa tal-Vitorja. Fil-fatt wara, jibdew ix-xogħlijiet fi Triq ir-Rattan u l-parti l-oħra ta' Triq Ta' Masrija u Triq il-Fortizza sa Triq il-Kbira. F'dawn it-toroq ser jintuża l-istess proċess jiġifieri li mhux jinfetħu trinek matul it-toroq kollha, iżda ssir trinka fi triq u tingħalaq sabiex l-inkonvenjent għar-residenti jkun l-inqas possibbli. Dan ix-xogħol għandu jkun lest sa Diċembru ta' din is-sena.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.4.1. Xogħlijiet Infrastrutturali minn Infrastructure Malta fi Triq l-Għaqda u fi Triq il-Kbira (T/4/4/Vol IV)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet infrastrutturali li Infrastructure Malta kienu qed jagħmlu fi Triq l-Għaqda u fi Triq il-Kbira tlestew.

5.4.3. Is-Sindku rringrazzja lill-Infrastructure Malta għax-xogħol kollu mwettaq f'dawn l-inħawi.

5.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.5.1. Espressjoni ta' Interess: Tabelli dwar l-Użu tal-Kannabis f'Postijiet Pubbliċi (C/1/Vol XVIII)

5.5.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl data 13 ta' Awwissu 2025, mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar inizjattiva li tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' tabelli informattivi dwar l-użu tal-Kannabis f'postijiet pubbliċi.

5.5.3. Is-Sindku qal li d-Diviżjoni flimkien mal-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis f'Malta qed jaħdmu fuq qafas legali dwar l-użu tal-Kannabis u l-għanijiet ta' din l-inizjattiva huma:

**Public Education**: Reinforces the legal boundaries of cannabis use, helping to prevent unintentional breaches of the law.

· **Community Wellbeing**: Supports a safer and more orderly public environment by discouraging public consumption.

· **Local Empowerment**: Enables local councils to take a proactive role in public education and community standards.

· **Visibility and Clarity**: Provides clear, consistent messaging across localities, reducing confusion and misinformation.

· **Support for Enforcement**: Assists local enforcement officers by making legal expectations visible and accessible to all.

5.5.4. Huwa qal ukoll li l-Kunsilli Lokali ġew mitluba jikkonfermaw jekk jixtiequx jissieħbu f'din l-inizjattiva u jekk fl-affermattiv li jindikaw fejn tali tabelli l-aħjar li jitwaħħlu, in-numru ta' tabelli meħtieġa, jekk jixtiequx aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva u jekk jixtiequx li l-arma tal-Kunsill tidher fil-branding marbut ma' din l-inizjattiva.

5.5.5. Is-Sindku kompla billi qal li hu bħala Sindku wieġeb lid-Direttur Ġenerali u talab li jixtieq jara d-disinn ta' dawn it-tabelli. Dan peress li kemm-il darba jitwaħħlu tabelli f'xi ġnien jew post pubbliku, dawn jistgħu jiftehmu li qed jagħtu indikazzjoni li f'dak il-post isir użu mill-Kannabis.

5.5.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li dawn it-tabelli jistgħu jkunu kontradittorji għaliex l-użu tal-Kannabis suppost isir biss fid-djar.

5.5.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna li jirċievi risposta.

## 5.6.1 Stazzjonar ta' Ambulanza fix-Xemxija (M/8/Vol VIII) u l-Ftuħ mill-Ġdid tal-Għassa tal-Mellieħa (P/9/Vol IV)

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li riċentement saru żewġ appelli min-naħa tal-Kunsill. L-ewwel appell sar lill-Ministru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva sabiex fix-Xemxija jkun hemm stazzjonata ambulanza. Dan sar sabiex possibbilment ma jkunx hemm dewmien meta tissejjaħ ambulanza tasal il-Mellieħa. It-tieni appell sar lill-Ministru tal-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol sabiex l-għassa tal-Mellieħa terġa' tibda topera 24/7. Dan peress li l-lokalità tal-Mellieħa llum titqies bħala waħda mill-akbar lokalitajiet f'Malta u fejn għandek popolazzjoni li tirdoppja jew aktar fl-istaġun tas-sajf. Dan kollu jitlob li l-għassa tal-Mellieħa tkun miftuħa regolarment sabiex minnha jingħataw is-servizzi tant neċessarji u bżonnjużi.

5.6.3. Is-Sindku kompla billi qal li għall-ewwel appell li sar lill-Ministru tas-Saħħa u Anzjanità Attiva, il-Kunsill irċieva tweġiba mill-Ministru Dr Jo Etienne Abela fejn qabel mal-proposta u wiegħed li ser ikun qed iżomm lill-Kunsill infurmati bl-iżviluppi. Dwar it-tieni appell, il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta iżda huwa nfurmat li l-Għassa tal-Pulizija fil-Qawra bagħtu rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward u l-bżonn li jkollhom għassa oħra miftuħa sabiex ittaffi mill-pressjoni li għandhom.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.7.1 L-Inizjattiva 'Vjal Kulħadd' (T/3/6)

5.7.2 Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-inizjattiva 'Vjal Kulħadd' u għall-ftehim li ġie ffirmat fir-rigward tal-proġett ta' Triq Selmun.

5.7.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa għamel talba lill-Infrastructure Malta sabiex issir laqgħa possibiliment il-ġimgħa d-dieħla sabiex fost oħrajn jiġi spjegat aħjar kif ser jiġu affettwati l-bdiewa u r-residenti ta' dawn l-inħawi b'din l-inizjattiva.

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Stargazing Event organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Maltija tal-Astronomija (A/5/3/Vol XXIV)**

5.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-attività 'Stargazing' li sareet nhar il-Ħadd, 17 ta' Awwissu 2025 fl-Aħrax tal-Mellieħa bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Maltija tal-Astronomija kienet suċċess u ntlaqgħet tajjeb ħafna minn madwar ħamsin parteċipanti li attendew.

5.8.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li attività ta' din ix-xorta għandha terġa' ssir, u possibiliment il-programm jibda bis-sessjoni tal-microscope li l-parteċipanti tant ħadu pjaċir jippruvaw.

5.8.4. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li meta ssir l-attività li jmiss, il-Kunsill jieħu ħsieb li jkun hemm is-siġġijiet.

5.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Chess Buddies Malta Summer Meetups fil-Lokalità (S/4/2/Vol V)**

5.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin fakkret li l-attività 'Chess Buddies Malta' ser issir nhar is-Sibt, 30 ta' Awwissu 2025 bejn l-10.30am u n-12.30pm fis-sala Joseph Borg. Hija qalet li jidher li ser ikun hemm parteċipazzjoni ta' madwar ħamsa u tletin parteċipant fosthom il-membri tal-Kunsill Lokali tat-Tfal. Hija qalet ukoll li saru arranġamenti speċjali sabiex parteċipant li għandhom bżonnijiet speċjali jkun jista' jattendi wkoll.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Inizjattiva minn Skola Sajf 2025 (S/6/Vol VII)**

5.10.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill irċieva talba mill-kordinattriċi ta' Skola Sajf 2025 tal-Mellieħa sabiex il-Kunsill jikkollabora magħhom fl-organizazzjoni ta' 'Festa Day' li ser issir fit-3 ta' Settembru 2025 għat-tfal ta' Kinder 1 u Kinder 2 li qed jattendu Skola Sajf.

5.10.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-Kunsill intalab jipprovdi t-trasport mill-Annex tal-Iskola Primarja għal Misraħ il-Parroċċa u lura.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

**5.11.1 Finanzjament ta' Ġwiebi viċin Ġnien il-Qigħan u Ġnien tas-Salib (P/2/1) (P/4/22)**

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fit-18 ta' Awwissu 2025 saret laqgħa online mal-ERA, li matulha issoktaw id-diskussjonijiet dwar il-proġett imsemmi hawn fuq. Dan wara waqfa, li kienet ikkawżata minn nuqqas ta' ftehim bejn il-Perit tal-Kunsill u l-ERA fuq bill of quantities li kellu jiġi rivedut.

5.11.3. Is-Sindku kompla billi qal li din il-laqgħa kienet intenzjonata li jiġu ċċarati ċertu dettalji importanti, sabiex il-proġett ikun jista' jingħata spinta 'l quddiem. Fil-fatt, is-Sindku qal li f'din il-laqgħa l-ERA kkonfermaw li l-Bord tagħhom approva fondi addizzjonali għal dan il-proġett li jammontaw għal €50,000 u li allura t-total ta' fondi li l-Kunsill ħa jikseb għal dan il-proġett ser jammontaw għal €150,000.

5.11.4. Għal dan il-għan, is-Sindku qal li f'din il-laqgħa ntlaħaq qbil li l-Kunsill għandu jikkonċentra li jwettaq il-proġett ta' Ġnien il-Qigħan li minbarra l-kostruzzjoni ta' ġiebja, jikkonsisti wkoll f'xogħlijiet ta' titjib li kienu ssuġġeriti mill-ERA u li l-Kunsill kien qabel magħhom totalment. Hawnhekk, il-membri tal-Kunsill ġew murija slides kif propost li jsir l-upgrading neċessarju tal-ġnien.

5.11.5. Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li l-Kunsill m'għandux jitlef din l-opportunità aktar u aktar li issa l-ERA tat aktar fondi lill-Kunsill sabiex iwettaq dan il-proġett tant bżonnjuż. Madanakollu, huwa qal li ċertament li l-Kunsill irid jagħmel tajjeb l-ewwelnett għall-ispejjeż relatati mal-VAT għaliex dawn mhux ser ikunu koperti bil-fondi tal-ERA u l-ispejjeż addizzjonali kemm-il darba jkunu aktar minn €150,000.

Huwa qal li l-Kunsill jista' jirrikorri għad-Development Planning Fund u l-fatt li dan il-proġett ħa jsir b'kollaborazzjoni ma' awtorità governattiva, ċertament li ħa jgħin biex il-Kunsill jikseb possibiliment finanzjament għal dan il-għan.

5.11.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill apparti l-fondi, l-ERA qablet li tagħmel tajjeb ukoll għas-siġar u pjanti li ser jitħawwlu fil-ġnien matul dan il-proġett.

5.11.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-Kunsill intalab li jibda l-proċess sabiex japplika biex jikseb finanzjarjament għal kumplament tal-ispejjeż mid-Development Planning Fund.

## 5.12.1. Xogħol ta' Emerġenza mill-WSC fi Triq il-Marfa (W/2/Vol IV) (E/1 Vol III)

5.12.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferit għax-xogħol ta' emerġenza li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet għamlet riċentement fi Triq il-Marfa u qalet li sfortunatament il-konkos li taw f'wiċċ it-triq tħaffer u hemm bżonn li l-Korporazzjoni tagħmel re-instatement tat-triq kif suppost.

5.12.3. B'rabta ma' dan il-każ, is-Sindku G. Micallef qal li qed issir pressjoni fuq il-Korporazzjoni Enemalta sabiex isir re-instatement bl-asfalt fi Triq Gorg Borg Olivier fejn saru xogħlijiet riċentement jiġifieri quddiem is-Solana Hotel u Jevon's u fi Triq il-Kbira quddiem iċ-Ċentru Laburista.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Applikazzjoni għall-Iżvilupp PA 01632/25 mill-Mellieħa Holiday Centre (P/5/8/G)

5.13.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-applikazzjoni ta' żvilupp PA 01632/25 li dehret fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar estensjoni tas-solar panels fost oħrajn ġol-Mellieħa Holiday Centre.

5.13.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li madwar tliet snin ilu, il-Mellieħa Holiday Centre kienu applikaw biex isiru s-solar panels permezz tal-applikazzjoni PA 03421/22. Il-Kunsill ta' dak iż-żmien, kien talab lill-Perit jivverifika din l-applikazzjoni f'hiex kienet tikkonsisti u jekk l-iżvilupp kienx ser isir fuq garigue area.

5.13.4. Għal dan il-għan, wara li l-membri tal-Kunsill raw il-pjanti u xi dokumentazzjoni relatati ma' PA 01632/25 qablu li l-Kunsill għandu jitlob lill-Perit Carmel Cacopardi jivverifika d-dokumentazzjoni min-naħa tiegħu u jagħti l-parir tiegħu.

## 5.14.1 Inizjattiva 'Plastic Tight Turners' mill-Mellieħa Scout Group (A/4/5/Vol V)

5.14.2. Saret referenza wkoll għall-imejl li l-Kunsill irċieva fl-20 ta' Awwissu 2025, mingħand Mellieħa Scouts Group Venture Unit dwar kompetizzjoni internazzjonali li qed jipparteċipaw fiha bl-isem ta' 'Plastic Tight Turners'.

5.14.3. Bħala parti minn din il-kompetizzjoni, il-Mellieħa Scouts Group Venture Unit għamlu ġimgħa jiġbru materjal magħmul mill-plastik u wara riedu jgħaddu rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar kif jista' jitnaqqas l-użu tal-plastik.

5.14.4. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva tista' sservi bħala punt tat-tluq u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkolabora u jagħti s-sehem tiegħu.

5.14.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Skambji ta' Żjarat bejn il-Mellieħa u Cavriglia (K/1/5/3/Vol IV)

5.15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kif kien ġie miftiehem fis-seduta preċedenti, huwa ser jippreżenta rendikont tal-ispejjeż li kien hemm marbuta maż-żjara li l-istudenti minn Cavriglia għamlu fil-Mellieħa f'Lulju li għadda.

5.15.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ħa din l-okkażjoni biex jitkellem ukoll dwar iż-żjara li delegazzjoni mill-Kunsill tal-Mellieħa flimkien ma' membri tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ser tagħmel f'Cavriglia bejn il-11 u s-17 ta' Settembru 2025.

5.15.4. Huwa qal li l-Comune di Cavriglia bagħat il-programm ta' din iż-żjara li ġie iċċirkolat mal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina li min-naħa tagħhom urew ix-xewqa li kif ħa jkunu Cavriglia, jkollhom l-opportunità li jżuru Ruma.Is-Sur E. Bartolo issuġġerixxa li jżuru Ruma fl-aħħar ġurnata li ħa jqattgħu l-Italja meta jkunu fi triqthom lejn l-ajruport ta' Fiumicino ġewwa Ruma stess, biex ma jkunx hemm spejjeż addizzjonali.

5.15.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ser ikollhom l-opportunità li anke jdoqqu ġo knisja.

5.15.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1 Laqgħa mal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (K/3)

5.16.2. B'referenza għall-item 5.16.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti, is-Sindku għarraf li fid-19 ta' Awwissu 2025 saret laqgħa mal-kumitat tal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa u għalija kienet preżenti flimkien miegħu l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u min-naħa tal-FKNK attendew il-President Tonio Fenech, is-Sur John Vic Borg, is-Sur Ben Bartolo, is-Sur Gabriel Pace u s-Sur David Borg.

5.16.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fost il-punti diskussi kien hemm li:

(i) il-kumitat jixtieq ikun mgħarraf kemm-il darba jkunu ser isiru xi attivitajiet fil-masġar tal-Aħrax u l-inħawi tal-madwar; u kemm-il darba jsiru xi clean-up events, il-kumitat lest li jidentifika siti fejn ikun jista' jsir it-tindif;

(ii) il-kumitat jixtieq li permezz tal-Kunsill issir laqgħa mal-arkeoloġisti dwar is-sejbiet fl-inħawi Tal-Latnija;

(iii) Possibilment isir xi tip ta' fencing fuq iċ-ċint fl-inħawi ta' Wied Musa peress li meta saret it-triq, dan iċ-ċint inbena baxx ħafna;

(iv) matul Triq l-Armier isiru cameras tas-sigurtà li f'każ ta' abbużi jkunu ta' għajnuna biex jiġi identifikat min daħal u min ħareġ mill-Aħrax;

(iv) terġa' tiġi evalwata l-possibilità li l-FKNK tuża l-irziezet ta' Selmun u tiftaħhom għall-pubbliku;

(v) isir tibdil fil-bye-law li tirregola l-camping fl-Aħrax tal-Mellieħa.

5.16.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa nota tal-punti li ġew issuġġeriti u fir-rigward tal-laqgħa mal-arkeoloġisti, il-Kunsill ser jieħu ħsieb jibgħat imejl sabiex din il-laqgħa ssir u fiha jieħdu sehem l-istakeholders kollha li għadhom ma kellhomx l-opportunità li jiltaqgħu mal-arkeoloġisti.

5.16.5. Fir-rigward tal-fencing, is-Sindku qal li talab lill-FKNK iressqu proposta bil-miktub ta' x'qed jitolbu eżatt, biex imbagħad il-Kunsill ikun jista' jipproċessaha.

5.16.6. Fir-rigward tat-tibdil fil-bye-law tal-camping, is-Sindku qal li l-proposta tal-FKNK hija li l-camping ikun permessibbli biss f'Campsite B u ma jibqgħux jintużaw aktar Campsite A u Campsite C għal dan il-għan. Ir-raġuni li taw l-FKNK hija li f'Campsite C tant saret ħsara lill-eko sistema li din l-area għandha bżonn riġenerazzjoni. L-FKNK qed tgħid li Campsite B, li għandha area ikbar minn Campsite A u C flimkien, tkun tista' tintuża s-sena kollha.

5.16.7. Fir-rigward tar-riġenerazzjoni ta' Campsite C, is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jressaq din it-talba lill-Ambjent Malta sabiex possibiliment jikkunsidraw jagħmlu r-riġenerazzjoni neċessarja.

5.16.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li f'Campsite B hemm l-element tax-xifer u xquq fil-blat u għaldaqstant din tkun għażla riskjuża u li tpoġġi ċertu responsabilità fuq il-Kunsill. Huwa qal li l-aktar campsite sigura fl-Aħrax hija campsite C. Huwa qal ukoll li wieħed irid jikkunsidra wkoll il-fatt li minn tliet żoni, il-Kunsill ser ikun qed joffri żona waħda biss għall-kampeġġ, u dan ċertament mhux ser jintlaqa' tajjeb mill-campers u mhux ser jaċċettaw din il-proposta. Huwa qal li huwa ma jaqbilx li għandha tibqa' campsite B biss bħala żona għall-kampeġġ.

5.16.9. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jikkunsidra li jagħmel fencing, biex ma jkunx hemm periklu f'din il-campsite. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-ERA tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha.

5.16.10. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li min ħa jmur camping f'dawn iż-żoni, irid ikun responsabbli u xtaq jirrimarka wkoll li l-Malta Rangers Unit diġa' kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, fir-rigward taż-żoni għall-kampeġġ u kemm qed issir ħsara fihom. Huwa qal ukoll li fil-preżent fl-aħjar żmien tas-sena meta wieħed ikun jixtieq imur camping, ma jistax imur minħabba li ż-żoni jkunu magħluqa minħabba l-istaġun tal-kaċċa u huwa jħoss li dan mhux ġust.

5.16.11. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li din il-proposta tfisser li l-campers ikunu contained f'żona waħda.

5.16.12. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għandu d-dubji tiegħu kemm l-ERA ser taqbel fuq din il-proposta u fakkar li l-Kunsill fil-passat kien ħa jirtira Campsite B, peress li l-FKNK kienu talbu li l-Kunsill idawwarha bil-fencing.

5.16.13. Is-Sindku G. Micallef aċċenna wkoll għall-fatt li l-prezz għal permess ta' camping jista' jiżdied peress li huwa baxx ħafna u mal-ħlas jista' jintalab ukoll deposit, li l-għan tiegħu ikun biex dak li jkun ma jħalliex skart warajh għax jista' jitlef id-deposit.

5.16.14. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jiċċarġja 'cleaning fee' ta' €20 għall-iskart li l-campers jiġġeneraw.

5.16.15. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-edukazzjoni hija l-problema kollha. Hija żiedet tgħid li l-Kunsill ma jistax jgħolli l-prezz kemm-il darba iż-żoni ma jkunux armati kif suppost u bil-kumditajiet kollha.

5.16.16. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li din iż-żona tista' tkun potenzjalment żona li 'l quddiem permezz tad-dħul li l-Kunsill jirċievi, il-Kunsill ikun jista' jingaġġa persuna fuq bażi part-time li tieħu ħsieb iż-żona, bħalma jsir f'campsites barra minn Malta. Huwa qal li suppost ikun hemm persuna li tmur tiċċekkja wara li n-nies jitilqu minn fuq il-post, u dan mhux isir. Barra minn hekk, qal li l-prezzijiet kif inhuma ma jagħmlux sens.

5.16.17. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jikkunsidra ż-żieda fil-prezzijiet u jara kif ser isir aktar infurzar f'lokalità li hija l-unika waħda li toffri dawn il-faċilitajiet.

5.16.18. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jitkellem dwar is-sitwazzjoni tal-caravans li jipparkjaw viċin ir-Ramla Bay Resort. Huwa qal li riċentament l-istaff tal-lukanda kellu joħroġ inaddaf hu stess l-area fejn ipparkjaw il-caravans.

5.16.19. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li llum il-ġurnata, il-caravans jipparkjaw fejn jixtiequ u m'hemmx żoni apposta allokati għalihom.

5.16.20. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li proprju anke minħabba l-fatt kif qegħdin il-kundizzjonijiet biex tal-caravans, fir-rigward tal-camping huwa jaqbel li l-Kunsill iħalli kollox kif inhu.

5.16.21. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Riorganizazzjoni tal-Irmiġġi fil-Bajja tal-Għadira (X/1/5/Vol II)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef talab li jikkjarifika l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tar-riorganizazzjoni tal-irmiġġi fil-Bajja tal-Għadira b'rabta ma' artikli li dehru fil-midja soċjali fuq dan is-suġġett.

5.17.3. Is-Sindku qal li t-tħassib tiegħu huwa dwar li mhux qed tiġi ndirizzata l-legalità u li bħala allokazzjoni żdiedet. Huwa kompla billi qal li dak li qed tagħmel Transport Malta jiġifieri li tagħmel riorganizazzjoni huwa tajjeb iżda tibqa' l-problema tal-iskart li jitħalla fuq il-mollijiet mid-dgħajjes kummerċjali kif ukoll il-karrijiet ipparkjati fl-Għadira li qed jaslu sa Santa Maria Estate.

5.17.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li ssir laqgħa ma' Transport Malta sabiex jiġu elenkati l-problemi li l-Kunsill qed jiffaċċja b'rabta ma' din il-materja.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. It-Trasport Pubbliku li jgħaddi miċ-Ċentru tal-Mellieħa (T/5/1/Vol II)

5.18.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jixtieq jgħaddi suġġeriment fuq it-trasport pubbliku li jgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa. Huwa qal li t-trasport pubbliku kollu fid-direzzjoni tal-Għadira u taċ-Ċirkewwa jista' jgħaddi mill-bypass minflok miċ-ċentru tal-Mellieħa, imbagħad it-trasport pubbliku li ma jibqax sejjer saċ-Ċirkewwa jista' jitla' minn Triq il-Marfa u b'hekk tkun naqqast ammont ta' rotot li jgħaddu miċ-ċentru tal-Mellieħa.

5.18.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba s-suġġeriment jinkludi li jittawwlu r-rotot, is-suġġeriment ma jiġix aċċettat minħabba li l-awtorità ma tistax iżżid spejjeż addizzjonali.

5.18.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-leġislatura tal-Kunsill preċedenti, il-Kunsill kien għaqqad sotto-kumitat proprju biex jindirizza l-problema tat-traffiku fi Triq Gorg Borg Olivier. Dan is-sotto-kumitat kien ħareġ bi proposta fejn jidħol it-trasport pubbliku li kienet tikkonsisti f'dan li ġej:
(i) Ir-rotot 41/42/250/X1 jgħaddu miċ-ċentru tal-Mellieħa; u
(ii) Ir-rotot 49/221/222 jgħaddu mill-bypass tal-Mellieħa u l-pubbliku juża l-interchange fid-daħla ta' Selmun.

5.18.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li b'żieda ma' dan, is-sotto kumitat kien qabel li jsiru l-kameras tas-sigurtà, liema proġett ġie implimentat u għandu l-għan li jiġu osservati l-marki u s-sinjali tat-toroq li hemm matul Triq Gorg Borg Olivier biex jgħinu fl-andament tat-traffiku li għaddej minn din it-triq. Hawnhekk huwa qal li tajjeb li l-Kunsill ikun infurmat kemm qed joħorġu kontravvenzjonijiet.

5.18.6. Fir-rigward tal-proposta tal-interchange fil-bidu ta' Triq Selmum, is-Sur J. Buttigieg qal li issa din il-proposta taf ma tkunx aċċettata peress li hemmhekk hemm entratura li tagħti għall-parti fejn ġiet riallokata l-iskola primarja. Madanakollu, l-Kunsill xorta għandu jibqa' fuq dan il-ħsieb.

5.18.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg żied jgħid li s-sotto kumitat kien anke iltaqa' anke mal-GRTU u l-SME's.

5.18.8. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fir-rigward tal-interchange, jista' jkun li l-Malta Public Transport taf ikollha l-issue dwar kif ħa jkun il-ħruġ mill-interchange.

5.18.9. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill jista' jikkunsidra wkoll sistema li taħdem bl-A1 fejn isiru traffic Lights matul Triq Gorg Borg Olivier li jwaqqfu t-traffiku min-naħa sakemm jgħaddu vettura kbar bħal tat-trasport pubbliku.

5.18.10. Ħsieb ieħor qal il-Viċi Sindku jista' jkun li jkun hemm servizz ta' Park & Ride f'Tat-Tomna.

5.18.11. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fir-rigward tat-trasport pubbliku qatt ma jaqbel li titbiegħed mir-raħal, għax tkun qed tiskoraġġixxi l-pubbliku milli jagħmel użu mit-trasport pubbliku.

5.18.12. Il-Kunsillier E. Bartolo żied jgħid li f'Tat-Tomna hemm xagħri u garigue u għaldaqstant tintervjeni l-ERA.

5.18.13. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li meta tinbena l-iskola l-ġdida, ser ikun hemm il-faċilità ta' parkeġġ.

5.18.14. Fuq dan il-punt, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa jekk il-Kunsill qatt ikkunsidrax jintroduċi 'Residents Parking' peress li hemm problema kbira ta' parking f'Ta' Gerbulin u anke fit-toroq li qegħdin fil-qalba tar-raħal.

5.18.15. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li hemm kwistjoni ta' legalità, għax 'resident' tista' tfisser resident li joqgħod f'dik it-triq jew inkella resident tal-lokalità.

5.18.16. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li din it-tip ta' konċessjoni kienet sospiża.

5.18.17. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li apparti hekk, il-Kunsill irid joffri alternattiva fejn jipparkjaw bħal pereżempju t-turisti.

5.18.18. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.19.1. Introduzzjoni ta' 'Beach Toy Borrow Boxes' fuq il-Bajjiet (X/1/6/Vol II)

5.19.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li jiġu introdotti l-'Beach Toy Borrow Boxes' fuq il-bajjiet lokali għall-benefiċċju tat-tfal.

5.19.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li WasteServ Malta Ltd joffru servizz ta' recycle/reusable Waste.

5.19.4. Is-Sindku G. Micallef qal li dan is-suġġeriment jista' jsir lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu forsi anke jitpoġġew matul il-promenade.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.20.1. Ftuħ tal-Mellieħa Football Ground għall-Pubbliku (S/4/1/Vol II)

5.20.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li fil-lokalità tas-Siggiewi, il-football ground ikun miftuħ biex il-pubbliku in ġenerali speċjalment it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu użu minnu.

5.20.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fir-rigward tal-Mellieħa Football Ground, il-Mellieħa Sports Club ma tatix din il-konċessjoni, peress li hemm spejjeż involuti fejn tidħol il-manutenzjoni b'mod regolari tal-ground.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.21.1. Inizjattiva minn Rota Malta (S/4/1/Vol II)

5.21.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li Rota Malta qed tniedi inizjattiva fejn adulti jistgħu jitgħallmu kif jużaw ir-rota fil-lokalitajiet tagħhom stess. Huwa qal li l-lezzjonijiet ser isiru f'Ottubru 2025 u f'kull sessjoni ta' siegħa jipparteċipaw ħames adulti. Għal dan il-għan, huwa issuġġerixxa li l-Kunsill jissieħeb f'din l-inizjattiva u jidentifika post fejn jistgħu jsiru dawn il-lezzjonijiet. Huwa ppropona li dawn il-lezzjonijiet isiru fil-Bitħa tas-Santwarju.

5.21.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-bitħa tas-Santwarju mhiex post xieraq u biex torganizzahom trid il-permess tal-Arċipriet.

5.21.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li jintuża l-parkeġġ tal-Għadira peress li f'dak il-perjodu jkun vojt.

5.21.5. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa aktar jara xieraq il-parkeġġ ta' quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill li jista' għal dakinhar tal-lezzjonijiet jingħalaq bil-barriers u ma jipparkjawx vetturi fih.

5.21.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

**5.22.1. Inizjattiva Tħawwil ta' Siġar u Arbuxelli – Project Green (A/3/Vol IV)**

5.22.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa jekk it-tħawwil ta' siġar u arbuxelli propost mill-Project Green kien sar jew għad irid isir peress li fi Trejqet il-Għabex, il-Manikata ma tħawlux siġar kif kien ippropona l-Kunsill.

5.22.3. Is-Sindku wieġeb li tħawwil ta' siġar s'issa sar f'parti minn Triq Lewis Wettinger, fi Triq Vincenzo Ciappara u fi Triq il-Mejjiesa, il-Manikata.

5.22.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li l-Kunsill jipprova jinsisti biex isir it-tħawwil propost fi Trejqet il-Għabex.

5.22.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Iljieli Mellieħin 2025: Lejla Selmunija (A/5/3/5/Vol XVII)**

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq li jieħu din l-okkażjoni sabiex jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill u l-istaff li kkontribwew sabiex il-Lejla Selmunija anke din is-sena kienet suċċess u ntlaqgħet tajjeb ħafna minn dawn kollha li attendew. Huwa qal li kienet apprezzata u emozzjonanti żgur għall-familja Cachia.

5.23.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-irziezet permezz tal-grupp medjevali Anakron ħolqu atmosfera differenti li ntogħġbot minn ħafna. Huwa żied jgħid li l-Kunsill issa jrid jibda jaħseb fuq l-edizzjoni tas-sena d-dieħla u staqsa lill-membri preżenti jekk kellhomx xi feedback.

5.23.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-format tas-serata jista' jinbidel xi ftit u jkun imqassam differenti speċjalment il-parti tal-qari tal-kitbiet u tal-poeżija. Huwa ssuġġerixxa li l-qari isir f'partijiet matul is-serata kollha u mhux kollu fl-ewwel parti tas-serata. Huwa qal ukoll li ċertu kummentarji jistgħu jsiru fl-irziezet għall-benefiċċju ta' dawk li jkunu qed iduruhom.

5.23.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-feedback li rċeviet kien proprju fuq il-qari peress li din il-parti kienet Twila. Hija ssuġġerit ukoll li għall-edizzjoni li jmiss isiru xi tabelli li jindikaw li hemm l-irziezet x'wieħed iżur għax sfortunatament kien hemm min ma ndunax bihom.

.

5.23.6. Il-Kunsillier J. Cauchi ssuġġerixxa li apparti l-qari jistgħu jsiru wkoll taħditiet fejn isiru rakkonti differenti..

5.23.7. Is-Sindku G. Micallef qal li l-għan ewlieni ta' din il-lejla mill-bidu kienu l-qari u r-rakkonti. Kien f'dawn l-aħħar żewġ edizzjonijiet li l-Kunsill żied l-interventi mużikali live wara l-parti tal-qari.

5.23.8. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li wieħed irid joqgħod attent li lill-udjenza ma taqsamhiex, u dan sabiex tkun tista' ssegwi dak kollu li jkun għaddej. Huwa żied jgħid ukoll li wieħed irid joqgħod attent ukoll dwar in-nuqqas ta' aċċessibilità fl-irziezet.

5.23.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.24.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)**

5.24.2. Il-Kunsilliera C. Castillo għamlet talba sabiex il-Kunsill jitlob lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex terġa' ssir laqgħa mas-sidien tal-lukandi u l-istabbilimenti kummerċjali tat-toroq prinċipali jingħata aġġornament dwar dan il-proġett.

5.24.3. Is-Sindku qal li huwa nfurmat li s-sejħa għall-offerti ħarġet u x-xogħlijiet huma ppjanati li jibdew f'Novembru 2025. Madanakollu, huwa qal li l-Kunsill għandu jagħmel din it-talba sabiex jingħataw dettalji aktar konkreti.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Periklu fi Triq is-Sagħtar (P/5/2/Vol III)

5.25.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għamlet referenza għal dan il-punt li kien tqajjem fis-seduta preċedenti u għarrfet li l-Kunsill irnexxielu jitkellem mas-sid tal-plot vojta li wiegħed li ser jieħu ħsieb jerġa' jagħmel l-ilqugħ neċessarji. Madanakollu jidher li maġenb din il-plot vojta, hemm ippjanat li jsir taraġ u s-sid qal li din il-parti ma taqax taħt ir-responsabilità tiegħu.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jibqa' jsegwi dan il-każ.

### 5.26.1. Proġetti iffinanzjati taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li ż-żgħażagħ u l-irwoli li huma ser ikollhom fil-proġett 'Solidarity Project in the Community', ġew identifikati. Huwa qal li jonqos li l-Kunsill min-naħa tiegħu jattiva account li hu diġa' kellu mas-SEM.

5.26.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal ukoll li qed iħares 'il quddiem għal dan il-proġett u min-naħa tiegħu jeħtieġ li jipprepara rapport li għandu jiġi sottomess lis-SEM fil-bidu ta' Settembru. Huwa qal ukoll li kemm-il darba dan il-proġett jintgħażel, il-proġett jibda fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla u l-Kunsill ikun meħtieġ li jagħmel Espressjoni ta' Interess għal Youth Worker.

5.26.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa lil Ms Louise Cini bħala Youth Worker peress li anke hija kkwalifikata f'dan il-qasam. Madanakollu, peress li trid toħroġ Espressjoni ta' Interess, Ms L. Cini tista' tapplika kemm-il darba tkun interessata u tkun eleġibbli għal dan l-irwol.

5.26.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.27.1. Laqgħa dwar il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-11 ta' Awwissu 2025, saret laqgħa fl-uffiċċju parrokkjali tal-Manikata dwar l-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp. Huwa qal li għal din il-laqgħa ppparteċipaw fost oħrajn il-Kappillan Fr Matthew Pulis, il-kumitat tal-Għaqda San Ġużepp, l-Ispettur Oriella Degabriele li segwiet online, is-Surġent Ivan Mifsud u l-Ispettur Bradley Grima. Min-naħa tal-Kunsill attendew flimkien miegħu l-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv.

5.27.3. Is-Sindku qal li f'din il-laqgħa ttieħdet id-deċiżjoni li Triq il-Mellieħa m'għandhiex tingħalaq għat-traffiku fl-ebda attività marbuta mal-festa, peress li t-traffiku kollu jista' jgħaddi minn Triq il-Mellieħa fuq wara ta' Ġnien iż-Żerniq fiż-żewġ direzzjonijiet mingħajr xkiel.

5.27.4. Fir-rigward tal-festa tal-Vitorja, is-Sindku għarraf li fil-21 ta' Awwissu 2025, saret laqgħa oħra direttament mas-Surġent Anton Buttigieg u l-Ispettur Cheyenne Mangion li ser ikunu qed jikkordinaw il-festa tal-Vitorja. F'din il-laqgħa l-Kunsill ħa nota tal-Uffiċjali tal-Pulizija extra duty li jridu jiġu bbukkjati u kif ser jingħalqu t-toroq fiċ-ċentru tal-Mellieħa meta jkun hemm il-marċi u l-purċissjoni. Kien hemm qbil li ma jsirx armar ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau, li ma jsirx parking ta' vetturi fi Triq Vincenzo Ciappara fil-parti maġenb Ġnien il-Qigħan u li Triq l-Assedju l-Kbir issir one-way biex il-vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Ġie suġġerit ukoll li jkun hemm Pulizija extra-duty assenjat mal-barriers viċin it-trejqa ta' Ġnien il-Qigħan peress li hemmhekk ħa sservi ta' emergency exit f'każ ta' ambulanza u ieħor fit-trejqa fi Triq l-Assedju l-Kbir fejn il-Fire Engine l-istess sabiex dan l-aċċess ma jiġix ostakolat f'każ ta' emerġenza.

5.27.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li l-Kunsill għandu jenfasizza l-fatt li il-Kunsill Lokali mhux qed jaċċetta li jingħalqu toroq b'rabta ma' avvenimenti (parties) li jsiru fi stabbilimenti kummerċjali. Huwa qal dan għaliex kemm-il darba l-Kunsill jippermetti dan, sena oħra d-domanda tibqa' tiżdied.

5.27.6. Is-Sindku xtaq jirrimarka li l-uffiċjali tal-LESA li kienu assenjati l-Manikata waqt l-attività tat-22 ta' Awwissu, sfortunatament ma rrapurtawx onsite għalkemm is-servizz kien imħallas u l-komunikazzjonijiet mal-LESA kienu konklużi.

5.27.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. It-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

5.28.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-Sur Pawlino Mifsud wieġeb għall-ittra li bgħattlu l-Kunsill u talab li ssir laqgħa, sabiex ikun jista' jifhem aħjar x'ser ikun l-irwol tiegħu bħala Chairperson tal-Liaison Committee fir-rigward tat-Torri l-Abjad.

5.28.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li tiġi ffissata data u għal din il-laqgħa jkunu preżenti s-Sindku flimkien miegħu min-naħa tal-Kunsill u s-Sur Pawlino Mifsud.

5.28.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Traffic Managemet Ġdid fi Triq Għajn Tuffieħa (T/3/2/Vol XVIII)**

5.29.2. Dwar it-traffic management ġdid li ġie introdott fi Triq Għajn Tuffieħa/Wilġa minn Infrastructure Malta, is-Sindku G. Micallef qal li kif inhu qed joħloq konfużjoni u qed ikun hemm sitwazzjonijiet fejn vetturi li mhux qed jifhmu liema naħa jridu jsuqu, qed jispiċċaw jiġu head-on ma' vetturi li qed isuqu fid-direzzjoni opposta u dan qed joħloq periklu.

5.29.3. Għal dan il-għan, huwa għarraf li l-Kunsill għadda s-suġġerimenti tiegħu ta' kif jistgħu jinbidlu u/jew jiżdiedu xi marki/tabelli tat-toroq biex ix-xufiera jifhmu aħjar id-direzzjoni li jridu jieħdu. Huwa qal ukoll li min-naħa ta' Infrastructure Malta qablu ma' dawn is-suġġerimenti u għaddewhom għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

5.29.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri talab li jieħu din l-opportunità sabiex bħala persuna li jemmen fid-diversità, jissuġġerixxi li pedestrian crossing fil-Mellieħa jew fil-Manikata tiġi miżbugħa b'kuluri marbuta ma' din il-materja.

5.29.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill kien ressaq din il-proposta lil Transport Malta, iżda ma ġietx aċċettata peress li tmur kontra r-regolamenti stabbiliti fejn jidħlu marki tat-toroq.

5.29.6. Il-Kunsillier K.Buttigieg xtaq jistaqsi jekk hux permessibbli li lapidi li jitwaħħlu fit-toroq speċjalment qrib entraturi ta' stabilimenti kummerċjali.

5.29.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li biex twaħħal lapidi f'toroq pubbliċi, trid tikseb permess minn Transport Malta u mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.29.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Reklamar fuq Għamara tat-Toroq (T/4/3/Vol III)**

5.30.2. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li dawk ir-reklami li jsiru fuq għamara tat-toroq bħal 'u shape barriers', u li l-qies tagħhom ma jaqbizx 0.5m kwadru, dawn ma jeħtieġux permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

5.30.3. Għal dan il-għan, hija ssuġġerit li l-Kunsill ifassal disinn ta' kif dawn ir-reklami jistgħu jsiru peress li hawn numru ta' stabbilimenti kummerċjali li huma interessati.

.

5.30.4. Is-Sindku qal li l-ħsieb tiegħu fuq il-'u shape barriers' huwa li primarjament l-għan għandu jkun li tingħata prominenza lill-postijiet storiċi tal-lokal u taħt il-pittura jew ritratt isir ir-reklam tal-istabbilimenti kummerċjali li da parti tiegħu għandhom ikunu kollha uniformi.

5.30.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li għalkemm dawn ma jeħtieġux il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, il-Kunsill għandu jinforma lil Transport Malta għar-raġuni li dawn jistgħu jkunu ta' distrazzjoni għax-xufiera.

5.30.6. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li r-reklam jista' jkun sempliċiment arrow sign bl-isem tal-istabbiliment.

5.30.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg kien tal-idea li ma jsirux reklami mill-istabbilimenti kummerċjali fit-toroq għar-raġuni li hawn ħafna stabbilimenti kummerċjali li jistgħu jkunu interessati.

5.30.8. Il-Kunsillier E. Bartolo fakkar li l-Kunsill għandu bye-law fejn jidħol reklamar fuq għamara fit-toroq.

5.30.9. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill irid jistabbilixxi limitu ta' kemm jiġu aċċettati talbiet u għal kemm żmien isir ir-reklam.

5.30.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Attività fit-Torri ta' St. Agatha (It-Torri l-Aħmar) (A/6/3/Vol X)

5.31.2 Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 18 ta' Awwissu 2025 dwar attività privata li ser issir fit-Torri l-Aħmar fil-5 ta' Settembru 2025.

5.31.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-Torri l-Aħmar jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Din l-Art Ħelwa u għaldaqstant il-Kunsill għandu joħroġ biss in-no objection tiegħu sakemm jinkisbu l-permessi kollha neċessarji u jiġu osservati l-miżuri ta' sigurtà waqt attivitajiet pubbliċi.

## 5.32.1. Talba mill-Iżviluppaturi tal-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)

5.32.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 11 ta' Awwissu 2025, li l-Kunsill irċieva mingħand l-iżviluppaturi tal-Mellieħa Bay Hotel fejn saret talba sabiex minn Ottubru 2025, l-iżviluppaturi jibdew jagħmlu użu minn aċċess sekondarju waqt l-iżvilupp tal-lukanda Mellieħa Bay.

.

5.32.3. Is-Sindku qal li kull membru tal-Kunsill ġie mgħarraf b'din it-talba u seta' jgħaddi l-osservazzjonijiet tiegħu.

5.32.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-osservazzjoni tiegħu kienet li l-Kunsill għandu jibqa'jsostni fuq il-pożizzjoni li diġa' ħa qabel, u fir-rigward tal-parkeġġ tal-Għadira peress li dan mhuwiex proprjetà tal-Kunsill, huwa tal-fehma li l-Kunsill ma jilqax din it-talba qabel ma ssir talba lill-Awtorità tal-Artijiet u l-Kunsill jara x'deċiżjoni tieħu l-Awtorità.

5.32.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-osservazzjoni tiegħu kienet li l-Kunsill m'għandux jidħol għal riskju jekk hemm periklu ta' sigurtà, u qal li peress li l-parkeġġ mhux devolut lill-Kunsill, tali talba għandha ssir lill-entita' responsabbli. Jekk tali talba tigi milqugħa, bħala Kunsill għandu jitlob li ssir kundizzjoni li qabel il-ħruġ mis-sit tal-iżvilupp, ikun hemm faċilità ta' 'wheel-washing'. Barra minn hekk, il-parkegg għandu jiġi għall-istat oriġinali sal-aħħar ta' Mejju 2026.

5.32.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandha tingħata tweġiba kif issuġġerit hawn fuq.

## 5.33.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.33.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li wara li saru aktar diskussjonijiet interni u konsultazzjoni mas-sessjoni tal-Human Resources tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u peress li l-Kunsill diġa' għandu żewġ Uffiċjali Klerikali fi Skala 15, il-Kunsill ħaseb li jikkunsidra li minflok, jimpjega Administration Officer in Scale II.

5.33.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi kemm-il darba l-Kunsill jixtieq li jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv, dan irid ikun impjegat li jokkupa l-kariga ta' Administration Officer in Scale 11 jew 10. Sfortunatament, fl-istruttura preżenti tal-membri tal-istaff tal-Kunsill, m'hemmx impjegat li qiegħed f'waħda minn dawn

l-iskali u Ms Y. Muscat li hija Administration Officer in Scale 12 għad jonqosha numru ta' snin sabiex tipprogressa għal Skala 11.

5.33.4. Għal dan il-għan, il-Kunsill kien tal-fehma li jitlob permess lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jagħmel sejħa għall-Administration Officer in Scale 10, kif stipulat fil-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikali 'l ġdid. Dan peress li ma tistax issir sejħa għall-uffiċjal fi Skala 11, peress li impjegat jista' jipprogressa biss għal din l-iskala.

**Grading & Salary Structure**

| Nomenclature | Salary Scales* |
|---|---|
| Administration Officer II | 10 / 9 |
| Administration Officer I | 12 / 11 |
| Clerical Officer | 15 / 14 / 13 |
| Office Assistant | 16 |

5.33.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa importanti ferm li l-Kunsill ikollu Deputat Segretarju Eżekuttiv, għaldaqstant il-Kunsill għandu jimxi mal-istruzzjonijiet mogħtija f'dan ir-rigward.

5.33.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li hemm bżonn li s-Segretarju Eżekuttiv ikollu assistent biex ikun jista' jiddelega lilu/lilha ċertu xogħol mill-work load li hija għandha.

5.33.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu jinforma lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar dan u jitlob il-permess tad-Diviżjoni sabiex ikun jista' jibda l-proċess biex isir l-ingaġġ ta' Administration Officer II in Scale 10.

**5.34.1. Maintenance Agreement – Proġett Green Infrastructure fil-Park tal-Familja (P/10/34)**

5.34.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li f'Marzu 2025, ġie fi tmiemu l-maintenance agreement fir-rigward tal-Green Wall fil-Park tal-Familja – agreement li kien sar għall-erba' snin.

5.34.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li qabel ma ssir sejħa għall-kwotazzjonijiet għal dan is-servizz, il-Kunsill għandu jiċċekkja mal-Majjistral Action Group Foundation sabiex jara għal kemm snin il-Kunsill huwa marbut li jkollu dan is-servizz peress li kien proġett li twettaq b'fondi Ewropej.

5.34.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ntalab jagħmel il-verifiki meħtieġa.

**5.35.1. Devoluzzjoni tal-Parkeġġ tal-Għadira (A/6/7/5)**

5.35.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-item numru 5.37.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill ikkonferma l-interess tiegħu fir-rigward tal-Parkeġġ tal-Għadira mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.35.3. Madanakollu, s'issa l-Kunsill għadu ma rċeviex aktar komunikazzjonijiet.

5.35.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.36.1. Struzzjonijiet Ġodda mill-Bank of Valletta plc fir-rigward ta' Depożitu ta' Ċekkijiet (B/1/Vol IV)**

5.36.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet illi l-Kunsill irċieva komunikat mill-Bank of Valletta plc li jgħid li wara Novembru 2025, il-bank mhux ser jibqa' jaċċetta depożitu ta' ċekkijiet jekk mhux permezz tal-ATM's.

5.36.3. Dan ser ikun ifisser spjegat is-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill ser ikollu japplika għal BOV Deposit Card biex ikun jista' jiddepożita ċ-ċekkijiet peress li mhux ser ikun mod ieħor kif tiddepositahom.

5.36.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu japplika għall-card meħtieġa.

**5.37.1. Sejħa għall-Offerti dwar is-Servizz ta' Perit (C/3/1)**

5.37.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill għamel sejħa għall-offerti dwar is-Servizz ta' Perit, liema sejħa tagħlaq fil-5 ta' Settembru 2025.

5.37.3. Appena tagħlaq din is-sejħa, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni jkun jista' jibda l-evalwazzjoni tagħha.

5.39.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.38.1. Sejħa għall-Offerti dwar il-Kiri ta' Crew Cab għall-Ħaddiema tal-Kunsill (V/3)**

5.38.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ser jiltaqa' sabiex issir evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' crew cab għall-ħaddiema tal-Kunsill.

5.38.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1.1 Sejħa għall-Offerti dwar Servizz ta' Kustodju fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

6.1.2. Dwar din is-sejħa għall-offerti, peress li kien għad hemm membri tal-Kunsill li talbu li jingħataw aktar żmien biex iduru d-dokument tal-offerta, kien hemm qbil li dan l-item għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

6.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.2.1. Sejħa għall-Offerti dwar is-Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Tabelli tat-Traffiku (K/6/4/Vol III)**

6.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill għamel sejħa għall-offerti dwar is-Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Tabelli tat-Traffiku, liema sejħa tagħlaq fil-5 ta' Settembru 2025.

6.2.3. Appena tagħlaq din is-sejħa, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni jkun jista' jibda l-evalwazzjoni tagħha.

6.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.3.1. Sejħa għall-Offerti dwar is-Servizz ta' Skart Goff (K/6/8)**

6.3.2. Dwar din is-sejħa għall-offerti, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-membri tal-Kunsill kellhomx xi kummenti fuq id-dokument qabel ma ssir is-sejħa.

6.3.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jżomm l-istess kriterji li kien hemm fil-kuntratt preċedenti.

6.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.4.1 Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2025 (F/1/1/Vol IV)**

6.4.2. L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ingħaqad b'mod virtwali għal din il-parti tas-seduta u spjega li l-figuri f'dan ir-rendikont finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2025, jindikaw li l-Kunsill miexi mal-baġit li għandu għas-sena 2025. Huwa qal li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Marzu 2025 kien jammonta għal €645,608 li jikkonsisti f'€598,222 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €41,867 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, €3,239 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u €2,280 minn dħul ieħor.

6.4.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żied b'€498,798 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €3,313,796. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €3,259,682, Inventarji (*Stocks*) €11,988, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €42,126.

6.4.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti naqsu minn €1,256,420 għal €1,664,384. Dawn kienu magħmula minn €81,147 Ammonti Pagabbli, €70,518 Accruals u €1,512,719 Deferred Income.

6.4.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €654,713 u tikkonsisti minn €120,398 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €331,846 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €29,821 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €182,648.

6.4.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta *deficit* ta' €9,105. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja żied b'20% fuq it-trimestru preċedenti u kien 138%. Dan ifisser li l-Kunsill għandu l-qagħda finanzjarja tiegħu b'saħħitha ħafna.

6.4.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti akkwistati minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €68,137, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €10,875,596, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,376,992, sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

6.4.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: melliehalc@gov.mt.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 23 ta' Awwissu 2025.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-27 ta' Lulju 2025 u t-23 ta' Awwissu 2025.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn it-2 ta' Lulju 2025 u l-4 ta' Awwissu 2025.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.00pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**